SAN LAWRENZ

Il-Minuti tat-tlieta u għoxrin laqgħa tal-Kunsill Lokali San Lawrenz li nżammet nhar il-Ġimgħa 30 ta' Jannar 2009 fid-9:30 ta' filgħodu fl-Uffiċċju tal-Kunsill Lokali San Lawrenz .

**Preżenti:**

| | |
|---|---|
| ***Sindku:*** | Noel Formosa |
| ***Viċi-Sindku:*** | Anthony Formosa |
| ***Membri:*** | Luigia Grima<br>John Mercieca<br>Joseph Sultana |

***Segretarju Eżekuttiv:*** Lucienne Haber

1.0 Il-laqgħa nbdiet b'talba u ġiet preseduta mis-Sindku.

2.0 Inqraw il-minuti u ġew approvati.

**3.0 Korrispondenza**

3.1 Is-Sindku rrefera għall-iskemi mnedija mid-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali fosthom dawk tal-attivitajiet kulturali, skema ta' energy saving u skema ta' attivitajiet sportivi. Il-Kunsill qabel li għandu japplika għal kull skema. F'dik ta' l-attivatijiet kulturali għandu jdaħħal l-attivita internazzjonali ta' Ottubru. F'dik tal-energy saving għandna napplikaw fuq il-proġett ta' *solar water heaters*. Fl-iskema tal-isports il-kunsill qabel li għandu japplika għall-attivitajiet mifruxin fuq weekend. Il-Kunsillier John Mercieca ssuġerixxa li din l-attivita' tisa ssir flimkien ma' Kunsill iehor billi norganizzaw snooker competition. Il-Kunsill qabel li għandu jiddiskuti dawn l-attivitajiet mas-St. Laurence Spurs biex noħorġu bl-aħjar program flimkien.

3.2 Giet trattata l-applikazzjoni tal-MEPA bin-numru PA5212/08 rigward l-estenzjoni ta' barriera. Il-Kunsill qabel li għandu jibgħat ittra lill-MEPA fejn għandha tesiġi dwar il-kundizzjonijiet implikati għal ħruġ ta' permessi ta' dan it-tip. Sar qbil ukoll li għandna nistaqsu lill-MEPA jekk għal dawn it-tip t'applikazzjonijiet hemmx xi *planning gain* marbuta u jekk hemm fejn qegħdin jintefqu.

## 4.0 Nominazzjoni tat-Tieqa tad-Dwejra ghas-7 Wonders of Nature

4.1 Is-Sindku rrefera għal fatt li t-Tieqa tad-Dwjera qed tiġi nominata għall-klassifikazzjoni tas-7 Wonders of Nature. Huwa semma li sabiex din tkun eligibli għal voti kien jinħtieġ li tkun nominata minn xi Għaqda governativa tal-lokal. Għalhekk bħala Kunsill kien jixraq li nagħmlu dan u fuq qbil li ntlaħaq bejn il-Kunsill, il-Kunsill issaportja din in-nominazzjoni. Is-Sindku semma li kemm l-MTA kif ukoll is-segretarjat ta' Chris Said wegħduna s-support kollu tagħhom f'dan il-proċess. Issa jonqos biss li nagħmlu propaganda kemm nifilħu biex kulħadd jivvota permezz ta' *website* fuq l-internet.

## 5.0 Il-bidu tal-proġett ta' l-isqaq

5.1 Is-Sindku rrefera għal seminar li huwa flimkien mas-segretarja kellhom rigward fondi taħt l-iskema Urban Improvement Fund. Huwa spjega kif taħt dan il-fond prezentament għandna €1800 li jinħtieġ li jintefqu fuq il-proġett ta' landscaping ta' sqaq fi Triq Wied Merill, skond l-applikazzjoni li konna ssottomettejna fl-2006. Huwa semma li dakinhar ix-xogħol ma kienx inbeda peress li kien jinħtieġ li jitgħaddew xi servizzi f'dan l-isqaq. Għalhekk sar qbil li peress li hemm il-fondi approvati għalih, għandna nikkonfermaw li s-servizzi kollha huma mgħoddija biex nagħtu bidu mmedjat għal dan il-proġett.

## 6.0 Il-bidu tal-proġett tal-pjazza

6.1 Is-Sindku semma li wasalna f'fazi li nagħmlu laqgħa mal-ADT rigward il-proġett tal-pjazza biex niċċaraw xi punti peress li hija proprju l-ADT li qed iżżomm lura mill-ħruġ tal-permess tal-MEPA għal dan il-proġett. Is-Sindku semma wkoll li l-MEPA għandha Lm10,000 lesti għalina għal dan il-proġett, għalhekk malli jkollna f'idejna l-permessi necessarji nistgħu nagħtu bidu għal proċess tat-tendering biex jinbeda dan il-proġett.

## 7.0 Update fuq l-applikazzjoni tar-restawr tal-faċċata tal-Knisja

7.1 Is-Sindku rrefera għal-laqgħa li huwa flimkien mal-kapillan kellu mal-PPCD rigward l-evalwazzjoni tal-proġett tar-restawr tal-faċċata tal-Knisja. Huwa semma li huma talbuna nenfasizzaw li l-proġett huwa wieħed aktar turistiku billi inżidu xi tabelli nformattivi u anke wkoll ir-restawr tal-orgni tal-knisja u pittura. Huwa semma li l-perita ħa tieħu ħsieb iżżid dawn l-emendi mal-applikazzjoni u qegħdin fil-fażi tal-aġġudikazzjoni. Huwa semma li fl-opinjoni tiegħu l-indikazzjonijiet huma pożittivi.

**8.0 Deċizjoni fuq is-solar water heater**

8.1 Is-Sindku semma li taħt *l-Energy Saving Scheme* ser nibgħatu applikazzjoni fejn nitolbu €10,000 li kemm il-darba tiġi aċċettata dawn għandhom jinqasmu ekwivalenti bejn dawk kollha li japplikaw. Il-Kunsill qabel li għandna nesiġu li s-solar heater li jittieħdu iridu jitwaħħlu fuq residenza f'San Lawrenz.

8.2 Is-Segretarja preżentat skeda tal-prezzijiet migbura rigward is-solar water heaters. L-aktar żewġ prezzijiet kompetitivi huma dawk tal-Calpak u Lava. Il-Kunsill qabel li għandu jivverifika liema minn dawn iż-żewġ prodotti jikkwalifika għar-rebate tal-gvern u anke jitlobhom iraħħsu aktar il-prezz. Il-Kunsill qabel li fil-laqgħa li jmiss għandu jagħzel il-prodott li fuqu ser nimxu.

**9.0 Ħarġa ġgal Anzjani**

9.1 Sar qbil li bħala ħarġa li jmiss għall-anzjani għandna namalgamawha mal-festa ta' San Pawl u norganizzaw quddiesa fil-knisja ta' San Pawl f'Marsalforn. Wara ssir tombla u ikel bħas-soltu f'restaurant il-Qbajjar.

**10.0 Kors tal-Parental Skills**

10.1 Is-Sindku semma li ġie mitlub minn xi uħud sabiex jiġi organizzat kors ta' Parental Skills. Sar qbil li għandna noħorġu sejħa u naraw x'interess hawn għal dan il-kors.

**11.0 Approvazzjoni biex inħaddmu s-sistema Internet BOV Banking**

11.1 Il-Kunsill qabel li għandu jinkariga lis-Segretarja Lucienne Haber sabiex tkun hi li tamministra s-sistema tal-BOV banking biex tiffaċilita' l-attivitajiet bankarji.

**12.0 Taverna Ewropea**

12.1 Is-Sindku semma li minn xi kuntatti li għandu ser jirnexxielu jġib konferenza internazzjonali f'Għawdex li tikkonċerna t-turiżmu. Huwa semma li huma jkunu mistiedna għal din il-konferenza peress li l-Kunsill tagħna ser ikun involut.

**13.0 Progett multilaterali għaż-żgħażagħ f'San Lawrenz**

13.1 Is-Sindku rrefera għall-possibilita ta' proħett multilaterali għaż-żgħażagħ f'San Lawrenz f'Lulju 2009. Huwa semma li issa jixraq li nospitaw lil xi gruppi aħna

peress li lkoll jibdew jistaqsu biex nirreċiprokaw il-programmi. Huwa propona li għandna nistiednu lill-gruppi mill-Ingilterra, mill-Italja, minn Franza, mill-Ġermanja u minn Spanja biex bejn il-11-18 ta' Lulju jaqsmu esperjenzi flimkien. Il-Kunsill qabel li għandna nipproċedu fuq l-applikazzjoni ta' fondi għal dan il-proġett.

## 14.0 Approvazzjoni tal-iskeda tal-pagamenti

14.1 Is-Segretarja preżentat l-iskeda tal-pagamenti għall-approvazzjoni. L-iskeda ġiet approvata unanimament.

## 15.0 Materji oħra

15.1 Ġie deċiż li għandha ssir manutenzjoni fuq is-safety tal-bandli sabiex jiġu evitati xi nċidenti. Sar qbil ukoll li għandna niżbgħu xi logħba tradizzjonali Maltija f'dawn l-istess bandli.

15.2 Ġiet diskussa wkoll il-possibilita' li nikkonnetjaw il-ġibjun li hemm taħt il-*playing field* mal-waterculvert ta' l-istess triq. Is-Sindku semma li peress li din il-ħaġa tirrekjedi l-ispejjes, jaqbel li din il-biċċa xogħol tiħi kkunsidrata s-sena d-dieħla.

15.3 Is-Sindku ssuġerixxa li s-sena li ġejja l-meals on wheels tinqata u minflok issir ikla nhar il-Milied għal dawk l-anzjani li jgħixu waħidhom u m'għandhomx ma min jaqsmu l-ikla tal-Milied tagħhom. Dan qed jipproponih għaliex huwa fl-opinjoni li l-iskop ta' dan il-gest qed jintilef u qed isir abbuż minnu. Huwa semma li jkun pjaċir tiegħu li jaqsam l-ikla tiegħu tal-Milied ma' min għandu bżonn il-kumpanija ta' ħaddiehor. Il-Kunsilliera qablu ma din il-proposta.

15.4 Is-Sindku rrefera għal ġabra li saret għall-missjoni fl-Indja mmexxija minn ħbiebna ta' Colle Umberto. Huwa semma li l-ġabra intelgħet għal €500. Huwa semma li huma apprezzaw ħafna dan il-ħsieb tagħna. Huwa rrefera għaż-żjara li għamel il-Kumitat tal-Festa f'Colle Umberto fejn huwa kien preżenti magħhom. Huwa rrefera għall-esperjenza bħala waħda pożittiva ħafna u verament iħossu kburi li kien qed jakkumpanja grupp verament edukat u li ġab ruħu eċċezzjonali.

15.5 Il-Kunsill qabel li għandu jerġa jiċċekja dwar il-garanzija tal-ħadid tal-playing field mal-kuntrattur Joe Caruana. Fl-istess waqt il-Kunsill ċempel dak il-hin stess lis-Sur George Grech il-kuntrattur li għamel il-ħadid biex jisħarreġ kif baqa wara daqshekk snin ma ġabx biċċa ħadid li kellha titwaħħal mal-kumplament. Is-Sindku nfurmah li jekk ma jgibhiex sa nhar l-Erbgħa tal-ġimgħa d-dieħla ser nieħdu passi legali.

15.6 Sar qbil li għandna nikkuntatjaw lil Wasteserve sabiex niddiskutu magħhom fejn nistgħu npoġġu l-bring in sites u dwar il-possibilita' li dawn isiru taħt l-art.

15.7 Sar qbil ukoll li għandna nitolbu laqgħa ma' l-ADT dwar il-possibilita' li nagħmlu *traffic lines* mar-raħal kollu.

15.8 Il-Viċi Sindku Anthony Formosa ġibed l-attenzjoni li l-kuntrattur tal-*open skip* mhux qed iġibu fil-ħin. Saret diskussjoni dwar x'jista jsiru u l-aħjar soluzzjoni kienet li għandna navżawh b'dan in-nuqqas u kemm il-darba dan jibqa jsir naqtgħulu mill-ħlas dovut lilu.

15.9 Il-kunsillier Joseph Sultana talab sabiex nistħarrġu f'hiex waslet l-applikazzjoni ta' bozza ġdida fi Triq ir-Rokon.

15.10 Il-Kunsilliera Luigia Grima proponiet li għandna nitolbu l-permess sabiex meta tkun ix-xita, waqt lit-tfal ikun jistennew ix-xarabank, ikunu jistgħu jidħlu jistkennu fl-għasssa tal-pulizija jew inkella fiċ-Ċentru Parrokjali.

15.11 Ġie diskuss ukoll it-tindif ta' kanal miżdud fi Triq San Lawrenz. Is-Sindku semma li għandu jiġi jarah id-Direttur Joseph Portelli peress li jibża li għandu bokka żgħira wisq. Semma wkoll kif x'hin ikun hawn id-Direttur, ser jittieħed jara Triq Wied Ġunu peress li nizlet.

Il-laqgħa ntemmet f'nofsinhar.

***Noel Formosa***
***Sindku***

***Lucienne Haber***
***Segretarju Ezekuttiv***